## F'Ottubru jissaħħu t-3 pilastri tal-parroċċa

F'dan ix-xahar ta' Ottubru, malli t-tfal jerġgħu jibdew l-iskola wara l-mistrieħ tas-sajf, il-parroċċa terġa' taqbad ritmu aktar intensiv b'inizjattivi ta' laqgħat ta' talb u karità kif ukoll ħafna okkażjonijiet ta' tagħlim u katekeżi.

KARITÀ
Matul dan ix-xahar qed issir il-ġabra tal-ikel għall-familji fil-bżonn u matul din il-ġimgħa ftakarna fil-ħtiġijiet ta' dawk l-iktar foqra fl-artijiet tal-missjoni. Għalhekk **f'dan il-Ħadd il-ġabra li ssir fil-quddies se tmur b'risq il-Missjoni**, f'dawk l-aktar pajjiżi foqra fejn qed jaħdmu diversi missjunarji Maltin u Għawdxin.

LITURĠIJA TA' TALB
Minbarra l-Liturġija tal-Quddiesa, l-iktar talba li terġa' tissaħħaħ matul dan ix-xahar hi t-talba tar-Rużarju. Dan peress li fis-7 ta' Ottubru bdiet tiġi ċċelebrata festa lil Madonna b'ringrazzjament għar-rebħa tal-battalja ta' Lepanto kontra t-theddid tal-Imperu Ottoman. Aħna fil-parroċċa għandna drawwa sabiħa li ta' kull ġimgħa l-grupp tal-Legion jorganizza t-talba tar-Rużarju fil-beraħ f'diversi żoni ta' raħalna, b'mod li jkun anki faċli tingħaqad magħhom u titlob din it-talba sabiħa u meditattiva li tgħinna niskopru l-għajnuna ta' Marija fil-ħajja tagħna. **Nhar il-Ġimgħa, 24 t'Ottubru fil-5.30pm ser jingħad ir-Rużarju f'San Blas ħdejn il-partita tal-boċċi.**

Minbarra dawn fin-Nadur għandna diversi proposti ta' gruppi oħra li jiltaqgħu għat-talb u t-tagħlim ta' kull xahar, bħalma huma l-Grupp ta' Padre Piju, il-Grupp tal-Istilel u l-Laqgħat ta' Spiritwalità ta' Dun Mikiel Attard.



KATEKEŻI
F'dawn il-ġimgħat, it-tfal bdew bil-laqgħat tagħhom tal-Museum li jiftaħ kuljum minbarra l-Erbgħa għal-logħob u t-tagħlim. L-adolexxenti tingħatalhom l-opportunità li jattendu ċ-ċentru għal-laqgħa speċjali għalihom kull nhar ta' Erbgħa. Iż-żgħażagħ jiltaqgħu wkoll fiċ-ċentru kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. U l-adulti għandhom iċ-ċans jingħaqdu ma' wieħed mill-ħafna gruppi tal-Legion of Mary u tal-Azzjoni Kattolika. Dan l-aħħar twaqqaf grupp ieħor ta' ommijiet żgħażagħ li jiltaqa' kull ġimagħtejn l-Erbgħa fil-5.30pm f'Dar S.Pietru u S.Pawl, immexxi minn Miriam Portelli. U darba fix-xahar jiltaqa' grupp ta' katekeżi għar-romol irġiel u nisa. Ma' dawn għandna wkoll Komunità Ewkaristika li tiltaqa' kull nhar ta' Tnejn u kull ġimagħtejn, nhar ta' Sibt, għandna xi 15-il koppja li qed jitħejjew għaż-Żwieġ nisrani. Fi żmien qasir qed naħsbu biex nibdew żewġ gruppi oħra: għall-koppji miżżewġin friski u għal dawk li għandhom it-tfal żgħar.

Bħalissa wkoll qed inħejju l-programm ta' katekeżi għall-ġenituri u t-tfal li din is-sena se jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. **L-ewwel laqgħa għal dawk tat-Tqarbina, il-Ħamis 23 t'Ottubru; u għal dawk tal-Griżma, it-Tnejn 27 t'Ottubru.** It-tfal ikollhom ukoll laqgħa għalihom, fl-istess ħin u post waqt dik tal-ġenituri, fis-7.00pm fil-Museum tas-Subien.

Għalfejn dawn il-proposti kollha? Għax il-ħajja ta' fidi hi teżor ta' veru li ftit għadna skoprejnieh. Il-fidi Nisranija tagħna mhix xi deskrizzjoni ta' valuri li sempliċiment tagħżilna minn ħafna nies ta' reliġjon oħra. Imma stil ta' ħajja li għandna bżonn nitgħallmu niskopru iktar biex ingawdu iktar minnha għall-ġid tagħna u ta' dawk li jgħixu magħna. Il-fidi Nisranija hi relazzjoni ta' ħbiberija ma' Alla li bħal kull ħbiberija oħra rridu nidħlu fiha bil-mod il-mod, b'appuntamenti fissi u regolari li jkabbruna u jimmaturawna.

Għalhekk għandna bżonn: 1. **Quddiesa regolari ta' kull nhar ta' Ħadd**, biex nitgħallmu nitħaddtu ma' Alla u naraw xi jrid jgħidilna u kif irid jgħinna. 2. **Mument ta' tagħlim u riflessjoni** biex nifhmu x'deċiżjonijiet nistgħu nieħdu quddiem il-problemi tal-ħajja. 3. **Okkażjonijiet ta' karità** li bihom jirnexxilna nħobbu u nħossuna utli ma' min hu fil-bżonn.

### Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am